MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2004

Numru. 541/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Cordina)**

**vs**

**Salem Shaban S. Abbadi ta' 25 sena, iben Shaban u Selma, imwieled Tripoli Libja, fit-8 ta' Frar, 1979, u li joqghod fl-indirizz 'Mikson', Flat 3, Triq il-Fejgel, Rabat, passaport numru H641883 mahrug fil-21.0.2002**

**Clifford Camilleri ta' 20 sena, bin Lawrence u Madlene nee Farrugia, imwieled tal-Pieta' fit-18.11.1983 u li joqghod fl-indirizz 10, Hunter Valley, Triq Swatar, Swatar Msida, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 587083 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Salem Shaban S. Abbdi u Clifford Camilleri li gew akkuzati talli fil-25 ta' Gunju, 2004 ufil-gimghat precedenti fil-Marsa u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAE 196 tal-marka Cortina li tiswa aktar minn LM 100 izda anqas minn Lm 1000 ghad-detriment ta' Hassan Yousef El Asrag, liema serq huwa kwalifikat bil-valur u mix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, u cioe vettura numru EAE-196 mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat. Jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahlu biex ibieghu jew imexxu din il-vettura.

Lil Salem Shaban S. Abbadi wahdu talli:

Fl-istess cirkostanzi ghamel uzu minn vettura EAE-196 meta ma kienx licenzjat mill-awtorita' kompetenti u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni skond id-dispozizzjonijiet ta' l-ordinanza dwar l-assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur ghar-riskji ta' terzi persuni.

Lil Clifford Camilleri wahdu talli:

B'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-probation impost fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Kif ukoll sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat li fid-9 ta' Lulju, 2004 l-Ufficjal Prosekutur talab is-separazzjoni tal-gudizzju u l-Qorti laqghet it-talba. Ghaldaqstant din is-sentenza hi biss fil-konfront ta' **Salam Shaban S. Abbadi.**

Rat l-Ammissjoni bikrija fuq l-artiklu 334 tal-kapitlu 9, l-artiklu 3 tal-Kapitlu 104.

Qeghda tikkundanna lil Salem Shaban S. Abbadi ghal sitt xhur habs sospizi ghal sena wara li rat l-Artiklu 28A tal-Kapitlu 9 u tikkundannah ghall-hlas ta' elf (Lm 1000) multa.  Wara li rat l-Artiklu 14 tal-Kapitlu 9 din il-multa hi pagabbli b'rati mensili ta' tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm 28).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------